**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 31 ta' Jannar 2001.

Il-Pulizija
Spettur Ivan Portelli

Vs

Mark Allison

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mark Allison ta' 24 sena, bin Laurence u Susan Neil Wandy nee' Jamson, imwieled l-Ingilterra fil-11 ta' Awissu 1976 u joqghod 28, flt. 4, Independence Flats, Oratory Street, Senglea, detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 16570(A);

Talli nhar it-2 ta' Novembru 2000, ghall-habta tat-8.00hrs, fi Pjazza San Luqa, Pieta, ikkawza ferita ta' natura gravi perdurata, fuq il-persuna ta' Joseph Borg, ID 28916 (M), hekk kif gie iccertifikat minn Dr. Moira Grech MD. U dan bi ksur tal-Artikolu 216 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli rrenda ruhu recediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversement preseduta, datati 29 ta' Jannar 1996, 20 ta' Gunju

1996, 3 ta’ April 1998 u 13 ta’ Lulju 1998, liema sentenzi huma defenittivi u ma’ jistghux jigu mibdula, dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara illi rat l-Artikoli 216, 338 (dd) u 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi Mark Allison hati ta’ kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tillibera lill-istess imputat, bil-kondizzjoni li ma’ jaghmilx reat iehor fiz-zmien sentejn (2) mil-lum, a tenur tal-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.